# Xi Drawwiet Antiki konnessi mal-Festi

*Kitba ta' Paul Farrugia, M.A.*

Fil-viżti pastorali nsibu li l-ħafna knejjes li kien hawn imxerrda madwar Malta kellhom ċerti piżijiet, jiġifieri obbligi. Xi wħud għadhom jeżistu, per eżempju, kważi f'kull knisja ssir quddiesa nhar il-festa tal-qaddis jew qaddisa patrun tagħha. F'numru kbir kien isir l-għasar ukoll. F'xi wħud kien isir quddies għar-ruħ ta' xi benefattur. Xi wħud minn dawn l-obbligi jitfgħu dawl interessanti fuq iċ-ċelebrazzjoni tal-festi "ta' barra" daqs ħames mitt sena ilu. Kienet drawwa mferrxa sew li nhar il-festa tal-qaddis jingħata xi forma ta' ikel. Illum din spiċċat.

Il-flus biex isiru l-funzjonijiet reliġjużi u biex jingħata l-ikel kienu jiġu mid-dħul ta' għelieqi mħollija lill-knisja għal dan l-għan. Isqof wara ieħor, f'viżta pastorali wara oħra, kien jelenka dawn l-għelieqi. Kien jinkiteb l-isem ta' l-għalqa, f'liema nħawi kienet tinstab u ma' liema raħal kienet tagħmel. Xi drabi kien jissemma wkoll min ikun qed jikkoltivaha. B'hekk l-isqfijiet riedu jiżguraw li l-art tkun deskritta tajjeb b'mod li l-obbligi jiġu esegwiti u ma jintesewx. Iżda, bosta drabi, l-ismijiet tal-benefatturi li tawhom lill-Knisja ma jidhrux, donnu kienu jintesew għax qabel is-seklu sittax ma kinitx tinżamm kitba b'ċerta ordni u diliġenza.

Mill-aħħar tas-seklu sittax 'il quddiem il-kitba bdiet issir aktar regolarment u aktar iddettaljata. L-isqfijiet bdew jagħmlu viżti pastorali sikwit fil-parroċċi u ħallew rapporti dettaljati ħafna ta' dak li sabu u li osservaw. F'dawn il-viżti pastorali nsibu bl-eżatt kemm kellu jitqassam ikel jew flus lill-foqra. Bosta drabi kien jiġi indikat ukoll in-numru ta' foqra li kellhom jibbenefikaw. L-isqfijiet kienu jisħqu li dawn id-dmirijiet jiġu mwettqa. Jekk le, l-isqof kien jista' jordna s-sekwestru ta' l-uċuħ u anke jqabbel ir-raba' lil xi ħadd ieħor.

Kif għidna, id-drawwa li tingħata l-karità f'jum il-festa kienet imferrxa ħafna. Tliet kappelli mill-ħamsa madwar Birmiftuħ, u anke l-artal tal-Madonna ta' Monserrat, kellhom dan l-obbligu. Madwar il-Gudja kien hemm diversi kappelli oħra fejn kienet titqassam karità nhar il-festa. L-istess jista' jingħad għal parroċċi oħra. Fil-fatt nistgħu ngħidu li din kienet drawwa Maltija u kienet tifforma parti mill-festi esterjuri.[1]



*Il-festi minn dejjem kellhom l-aspett soċjali tagħhom: dak li jaħsbu fl-aktar batuti tas-soċjetà.*

[1] Insibu testmenti fejn din l-użanza tidher. Wieħed jista' jara Stanley Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History Part I*, , 1996, p 91.

Dan jirrifletti l-bżonnijiet soċjali ta' dawk iż-żmenijiet. F'Malta kien hawn ħafna faqar. Il-parti l-kbira tan-nies kienu jew bdiewa jew nies li jaħdmu fl-għelieqi ta' ħaddieħor. Oħrajn kienu nies tas-sengħa li x-xogħol tagħhom kien konness max-xogħol tar-raba'. Bħan-nies kollha ta' dari kienu jaħdmu sigħat twal għal ftit qligħ. Terġa' ħajjithom kienet prekarja ħafna. Maltemp jew nixfa kienu jeqirdu l-uċuħ u xogħolhom jisfa fix-xejn. Niltaqgħu ma' bosta petizzjonijiet minn bdiewa biex jiġu eżentati milli jħallsu l-qbiela f'xi sena partikulari, jew li jingħatalhom żmien biżżejjed biex iħallsu fis-snin ta' wara, għax l-għelieqi ma jkunux taw biżżejjed frott. Barra minn hekk kien hemm il-ħbit mill-furbani li kienu jħallu ħerba. Il-mard kien ħafna aktar komuni mil-lum u l-fejqan kien diffiċli. Mhux biss il-mezzi ta' produzzjoni kienu għadhom primittivi, iżda l-ħajja kienet qasira u l-gwerra u l-pesta kienu jġorru ħafna nies. Dan kollu kien iżid il-faqar.

Xi nies tat-tajjeb li kellhom kuxjenza soċjali kienu jtaffu din it-tbatija. Hekk, per eżempju, insibu li fl-1662 ċertu *Luca Bonnici* ħalla għalqa msejħa ta' *Ciafrina,* li kienet tinstab f'*ta' Brolli*, lill-Knisja tal-Lunzjata tal-Misraħ. Mid-dħul tagħha kellhom isiru quddiesa kantata u tlieta letti u dak li jifdal kellu jintuża biex, wara l-quddiesa kantata, jitqassam il-ħobż lill-foqra tar-raħal. Wara l-1699, b'ordni ta' l-Isqof Cocco Palmieri, il-ħobż kellu jiġi mqassam mill-kappillan innifsu jew minn nies oħra li kienu responsabbli għal dan.[2] F'dan il-każ il-benefattur huwa magħruf għax sal-1662 is-sistema ta' viżti pastorali kienet daħlet sew. Fid-dokumenti n-nies li kellhom jiġu mgħejjuna jissejħu *pauperes*, li tfisser nies foqra ħafna jew tallaba. Insibu diversi riferenzi għalihom. Per eżempju, fir-rapport ta' Monsinjur Dusina naqraw illi meta, fl-1575, kien qed iżur il-Knisja ta' Ħal Safi, waħda mill-knejjes filjali tal-Parroċċa ta' Birmiftuħ, ġie mitlub biex nies foqra, u dawk li kienu veru *pauperes* ma jkunux imġiegħla jħallsu l-għexur.[3] Fl-istruzzjonijiet li ta lill-kappillani, l-istess Monsinjur Dusina ordnalhom li jipperseveraw jgħinu lill-orfni u lir-romol.[4] Fl-*Avvertimenti* li ta lill-qassisin ordna li waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-quddiesa ma jitħalla ħadd jitlob il-karità. Lanqas iċ-ċelebrant stess ma seta' jitlob karità, la għalih innifsu u lanqas għal ħaddieħor. Imma l-qassis seta' jirrakkomanda l-foqra qabel jew wara l-quddiesa.[5] Minn dan jidher ċar li l-faqar kien problema li l-awtoritajiet tal-Knisja kienu jiltaqgħu magħha sikwit. Ma nafux kif kienu jiġu meqjusin il-foqra, biss xi drabi fid-dokumenti wieħed jiltaqa' ma każi fejn xi ħadd jiġi dikjarat fqir (*pauper*) għax ikun jgħix mix-xogħol tiegħu stess.[6]

Forsi wieħed jistaqsi għaliex l-għoti tal-karità kien jiġi afdat lill-Knisja. Illum aħna mdorrijin, anzi nippretendu, li l-gvern jaħsbilna għall-bżonnijiet tagħna, iżda dari n-nies kienu jħarsu aktar lejn il-Knisja għall-għajnuna. Ir-raġunijiet huma ħafna. L-ewwelnett kien il-Kristjaneżmu li xerred l-idea li l-ħniena u l-għajnuna lil min ikun fil-bżonn huma virtuwijiet. Kulturi oħra aktarx li kienu jqisu dawn il-kwalitajiet bħala debbolezza! Fl-agħar żmenijiet, insejħulhom iż-żmenijiet tan-Nofs, il-monasteri kienu jilqgħu il-vjaġġaturi u l-foqra. Hekk l-għoti ta' karità kien assoċjat mal-Knisja u min ried jagħmel karità wara mewtu kien iħalli f'idejn il-Knisja. Barra minn hekk, il-Knisja kienet l-istituzzjoni li setgħet toffri garanzija li x-xewqat tat-testaturi jkomplu jiġu esegwiti.

Min-naħa tagħha l-Knisja kienet tgħin lil min hu fil-bżonn. Ħafna nies miżerabbli kienu jsibu għajnuna b'diversi modi. Nistgħu nsemmu ftit eżempji. L-Ordni tat-Trinitarjani kienu jaħdmu

[2] Viżta Pastorali 1745.

[3] Mons Dusina 1575, George Aquilina u Stanley Fiorini (edit), 119. *"Item quod miserabiles personae, et vere pauperes non deberent cogi ad solutionem primitiae."*

[4] Mons Dusina 310. *"ac paupers pupillos et viduas ex Christi Patrimonio, ac sanctis precibus prout tenentur iuvare, et sublevare."*

[5] Mons Dusina 335, *"Mentre si celebra la messa non si lasci ad alcuno cercare l'elemosina per chiesa, ne il prete si volti mai a chiedere l'elemosina per se stesso o per altro, ma possa inanti, o doppo messa raccomandare I poveri."*

[6] Ara: Arkivji Kurja Florjana, Reġistru tal-Atti Civili, V. 47, 1685-86, fejn koppja mill-Belt ġew iddikkjarati *paupers et miserabiles personas.* Ir-raġuni kienet li *'propriis laboribus et industria vivunt.'*

biex jirriskattaw l-ilsiera nsara minn taħt idejn il-Musulmani. L-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann beda bħala għaqda ta' patrijiet biex iżommu sptarijiet. Il-Knisja tant kienet tqis dan bħala parti minn xogħolha li l-Konċilju ta' Trentu ddikkjara li l-Isqfijiet kellhom id-dmir li jispezzjonaw kull kwalità ta' sptarijiet u istituzzjonijiet ta' karità, ukoll jekk dawn ikunu taħt it-tmexxija ta' nies lajċi, u jaraw illi dak li jkun ġie mwaqqaf biex jgħin il-foqra jiġi osservat.

Il-karità nhar il-festa kienet titqassam b'modi diversi, skond kif kien ikun ordna l-fundatur. Kien jingħata ikel inkella flus. Sal-bidu tas-seklu sittax, fil-parti l-kbira, kien jingħata ikel, iżda matul dan is-seklu f'xi każi l-isqfijiet bidlu dan għal għoti ta' flus. Għandna naħsbu li l-flus kienu aktar konvenjenti kemm għal min kien iqassam il-karità kif ukoll għal min jirċeviha. Il-flus kienu jistgħu jiġu wżati meta, u kif, ikun hemm bżonn.

L-ikel kien jitqassam f'diversi forom. Xi drabi kien jingħata qamħ jew maħlut. Drabi oħra jidher li kien jingħata lest biex jittiekel. Hekk insibu l-kelma *jentaculi* li tfisser ikel ta' fil-għodu, jew *prandio*, jiġifieri ikla ta' wara nofs in-nhar. It-tqassim tal-lewż (*avellenarum*), għalkemm ma kienx karità, kien popolari wkoll. L-għoti ta' ikel, barra li kien opra ta' karità, kien ikabbar iċ-ċelebrazzjoni tal-festa u jgħaqqad lill-komunità flimkien.

Drawwa tixbah lil din kienet dik li jingħata ikel lill-kappillan u xi drabi lis-sagristan. Dan insibuh fi tlieta mill-kappelli li kien hemm madwar il-parroċċa l-qadima. Ma' l-Altar tal-Madonna ta' Montserrat, fil-Parroċċa l-Qadima, kien hemm l-obbligu li nhar l-Assunta tingħata tiġieġa, żewġ ħobżiet u flixkun inbid lill-kappillan. Għalkemm dan kien ħlas, u mhux karità, fih naraw ukoll is-sistema li jsir ħlas b'oġġetti mhux bi flus.[7]

Hawn taħt qed inġibu lista ta' festi meta kien isir tqassim ta' ikel. Din il-lista hija bbażata prinċipalment fuq il-Viżta Pastorali tal-1745 meta ħafna kappelli kienu diġa ġew ipprofanati u anke mwaqqa'. Għalhekk, il-festi tal-knejjes madwar il-Kappella ta' Birmiftuħ kienu bdew isiru fiha. Dawk il-festi li kienu jsiru fil-knejjes tal-Gudja li kienu ġew ipprofonati kienu jsiru fil-knisja parrokkjali l-ġdida. L-informazzjoni dwar il-knisja ta' San Mikiel Arkanġlu hija meħuda minn viżta pastorali aktar antika.

1. Fil-parroċċa l-antika, fil-festa tal-Assunzjoni, fil-ħmistax t'Awissu, Kienet tingħata ikla (*prandio*) lill-kappillan, lis-sagristan u lil sitt foqra u jitqassmu sitt-il *modd*[8] *maħlut*,[9] lill-foqra. L-għalqa kienet *landar ta' Filep* f'Ħal Luqa.[10]

2. Fil-parroċċa l-antika, fil-Festa ta' l-Isem Imqaddes ta' Marija, fl-Ottava tat-



*Il-parroċċa l-antika ta' Birmiftuħ li tissemma fil-viżta pastorali ta' l-1745*

[7] Fil-fatt ħlas ta' qbiela tar-raba' bosta drabi kien isir pemezz ta' oġġetti. Anke l-paga ħafna drabi kienet tingħata, almenu parzjalment, f'forma ta' qamħ jew oġġett ieħor.
[8] Kejl taż-żrieragħ.
[9] Taħlita ta' qamħ u xgħir.
[10] Fil-Viżta Pastorali tal-1678 insibu: tiġieġa, żewġ ħobżiet u flixkun inbid lill-kappillan u ikla lil xi foqra, nhar l-Assunta, marbut ma' l-artal ta' Sidtna Marija ta' Montserrat.

Twelid ta' Ommna Marija, kienet tingħata ikla fil-għodu (*jentaculi*). Kienet tingħata wkoll ikla (*prandio*) lill-kappillan, lis-sagristan u lil tnax-il fqir. Fl-1678 insibu li l-ikla ta' fil-għodu, kienet tikkonsisti f'lewż u nbid. Biż-żmien, flok l-ikla tal-foqra bdew jiġu mqassma żewġ *tari.*[11] L-għalqa, li kienet tinstab fl-inħawi ta' Dawraddur, kien jisimha *habel lihudi*. Qabel dan kien isir fil-Kappella tan-Nattività ta' Marija li kienet ħdejn il-parroċċa l-antika.

3. Fil-parroċċa l-antika, fil-Festa tal-Viżitazzjoni ta' Marija, fit-tnejn ta' Lulju, kienet tingħata ikla (*prandio*) lill-kappillan, lis-sagristan u lil erba' foqra. Il-flus kienu jiġu minn żewġ għelieqi, waħda msejħa *landar* f'Ħal Luqa, u l-oħra *esfar* f'Ħal Kirkop. Jidher li dan l-obbligu kien konness ma' l-altar tal-Assunzjoni li qabel kien jinstab fuq in-naħa tal-lemin tal-Knisja.

4. Fil-parroċċa l-antika, fil-festa tal-Preżentazzjoni ta' Marija, kienet tingħata ikla (*prandio*) lil sitt foqra. Qabel dan kien isir fil-festa tal-Assunzjoni iżda ġie mibdul fit-tieni viżta pastorali tal-Isqof Cocco Palmieri. L-għelieqi kienu tlieta ħdejn xulxin jissejħu *il bur di Wied il Chineies*. Jidher li dan kien marbut mal-Knisja tal-Assunta li kienet tinstab qrib il-fonti tal-Knisja ta' Birmiftuħ.

5. Fil-Knisja tal-Qtugħ ir-Ras ta' San Ġwann Battista, Ħal Farruġ. Ikla ta' fil-għodu (*jentaculi*), li ġiet mibdula għal tmien tari fl-1692 u f'sitt tari fl-1699. L-għalqa kien jisimha *l bur ta' San Giovanni*. Meta din il-Knisja sfat ipprofanata dan ġie trasferit għall-knisja parrokkjali l-ġdida.

6. Il-Knisja tan-Nativitá ta' Marija (ta' l-Isperanza), ġewwa Ħal Farruġ. Kien jitqassam ikel fil-għodu (*jentaculi*). L-għalqa li kienet tinstab Ħal Luqa kienet tissejjaħ *'della torba'*. Dan ġie trasferit għall-knisja parrokkjali l-ġdida.

7. Il-Knisja ta' San Nikola Isqof, ġewwa l-Gudja. Nhar il-festa tal-qaddis kien jingħata ikel fil-għodu (*jentaculi*). L-għalqa kien jisimha *della ricahia barhala*, ġo *Hal Giawhar*. Din ukoll ġiet ittrasferita għall-parroċċa l-ġdida.

8. Il-Knisja tal-Lunzjata, msejħa ta' Dorbies, ġewwa l-Gudja. Kien jingħata lewż (*avellenarum*). L-għalqa kienet imsejħa *il bur ta' dorbies*. Dan ukoll ġie trasferit għall-knisja parrokkjali l-ġdida.

9. Il-Knisja ta' San Mark l-Evanġelista, fil-Gudja. Kienu jingħataw tliet *tari* lill-foqra. Id-dħul kien jiġi minn żewġ għelieqi, waħda *ta' Żebbuġia* u l-oħra *ta' Santa Katarina*, it-tnejn fil-Gudja.

10. Il-Knisja tal-Assunzjoni, msejħa *ta' Ceilo*, fil-Gudja. Kien isir tqassim tal-lewż (*avellenarum*). L-għalqa kienet tissejjaħ *ta' Habel Gauci*, fil-Gudja.

11. Il-Knisja tal-Lunzjata *tal-Misrah*, ġewwa l-Gudja. Fl-1662, Luqa Bonniċi ħalla l-għalqa, jisimha *di Ciafrina*, li kienet tinstab fir-reġjun *delli Brolli* biex isir xi quddies. Id-dħul li kien jibqa' kellu jintuża biex isir ħobż li jiġi mogħti lill-foqra tar-raħal wara l-quddiesa kantata. Fl-1669 l-isqof Palmieri ordna li dan il-ħobż jiġi mqassam mill-kappillan u mill-*punctatores*.

12. Il-Knisja ta' San Mikiel Arkanġlu. Fil-festa, f'Settembru, kien jitqassam kolazzjon u tingħata ikla lill-kappillan. L-għalqa kienet tissejjaħ *ta bein heisa.*[12]

*Nixtieq nirringrazzja lill-istaff ta' l-Arkivju tal-Katidral ta' l-Imdina u ta' l-Arkivju tal-Kurja, il-Furjana għall-għajnuna u l-koperazzjoni tagħhom biex stajt niġbor it-tagħrif ħalli nikteb dan l-artiklu.* ❦

[11] Flus.
[12] Viżta Pastorali 1598.